MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 624/1998/1

**Avviz Nru:- 624/98**

**John Bajada**

**vs**

**Marie Louise Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ l-ammont li ghad irid jigi likwidat in konnessjoni ma’ incident stradali li sehh nhar il-5 ta’ Jannar, 1998 bejnha u bejn Alfred Zarb, liema incident hu responsabbli tieghu u dan minhabba traskuragni, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti u mperizja da parti tieghu. L-ammont huwa inqas minn Lm500.

Bl-ispejjez, inkluzi dik tal-ittra legali datata 11 ta Marzu 1998 u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament in-nullita' ta' dawn il-proceduri stante li l-attur ma iddikjarax fl-Avviz tieghu illi d-danni sofferti minnu jaqghu taht il-kompetenza ta' dina l-Qorti.

2. Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament tort u htija ta' Alfred Zarb is-sewwieq tal-vettura numru CAL 767 u mhux l-eccipjenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tt-28 ta' Jannar 1999 fejn il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar in-nullita' tal-avviz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-kontendenti jaqblu dwar il-posizzjoni tal-vetturi u fejn dawn garrbu l-hsara wara l-incident in kwistjoni, izda d-divergenza bejn il-verzjonijiet taghhom hija illi waqt illi l-attur jallega illi l-vettura tieghu intlaqtet minn dik tal-konvenuta u waqt li kien hu qed jipprocedi bil-mod f'Regional Road biex idur fuq fetha li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tieghu, il-konvenuta ssostni illi l-attur kien wieqaf mal-genb tat-triq u meta ghaddiet minn fuq in-naha tal-lemin tieghu biex tikser hi ukoll fuq ix-xellug, dan mexa bil-mod minghajr ma ha l-prekawzjonijiet u kien fil-fatt l-attur illi laqat il-vettura taghha.

Ghalhekk biex tigi determinata r-responsabbilta' il-Qorti trid tezamina u tiddeciedi liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-iktar wahda verosimili.  Minn naha tal-

verzjoni tal-konvenuta, din hija sorretta biss mid-deposizzjoni taghha, waqt illi verzjoni ta’ l-attur hija sorretta mid-deposizzjoni tax-xhieda l-ohra minnu prodotti, illi lkoll jallegaw illi l-vettura ta’ l-attur kienet miexja fir-Regional Road bl-indicator mixghula biex iddur fuq ix-xellug taghha u fl-ebda mod il-vettura ta’ l-attur ma kienet wieqfa.

Minn dawn id-deposizzjonijiet u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta illi l-verzjoni ta’ l-attur hija iktar attendibbli minn dik tal-konvenuta, apparti l-fatt illi ma jirrizulta ebda indizju illi jindika xi raguni ghaliex il-vettura ta’ l-attur kellha tkun wieqfa fuq in-naha tax-xellug ta’ arterja principali bhalma hi Regional Road, meta fil-fatt jirrizulta illi b’xi mod mexa qabel il-habta biex idur ukoll fuq in-naha tax-xellug.

Ghaldaqstant minn dawn iz-zewg verzjonijiet issib illi hija iktar attendibbli l-verzjoni ta’ l-attur u ghalhekk tiddikjara illi hija l-konvenuta illi ghandha tigi dikjarata responsabbli ghal dan l-incident li gara fil-15 ta’ Jannar 1998 f’Regional Road.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni l-attur ma pproduca ebda dokument in sostenn tat-talba tieghu u jirrizulta biss mid-deposizzjoni ta’ Alfred Zarb illi d-danni totali jammontaw ghal somma li hija bejn mitejn u tliet mitt lira.

F’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ikollha arbitrio boni viri tistabbilixxi illi l-ammont tad-danni illi l-attur sofra fl-incident in kwistjoni ghandu jkun fis-somma ta’ mitejn lira, illi qeghda prezenzjalment tillikwida bhala d-danni totali li sofra l-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizzjoni ‘de quo’, qeghda tillikwida d-danni totali li sofra l-attur fis-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) u tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------